II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 740/2014

## tat-8 ta' Lulju 2014

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 li jikkonċerna miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja.

(2) Il-Kunsill iqis li għandha tiżdied persuna waħda mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(3) Il-Kunsill iqis ukoll li tmien persuni għandhom jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(4) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 hu għalhekk emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

([1]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

*ANNESS*

I. Il-persuni li ġejjin jitħassru mil-lista li tinsab fil-parti A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006:

| | |
|---|---|
| Nru. 8 | Arkhipau, Aliaksandr Mikhailavich; |
| Nru. 21 | Berastau, Valery Vasilievich; |
| Nru. 27 | Bushnaia, Natallia Uladzimirauna; |
| Nru. 131 | Mihun, Andrei Arkadzevich; |
| Nru. 164 | Samaliuk, Hanna Valerieuna; |
| Nru. 195 | Svorab, Mikalai Kanstantsinavich; |
| Nru. 200 | Tratsiak, Piotr Uladzimiravich; |
| Nru. 212 | Varapaev, Ihar Ryhoravich. |

II. Il-persuna li ġejja tiżdied mal-lista li tinsab fil-parti A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006:

| | Isem | Isem Ortografija Bjelorussa) | Isem (Ortografija Russa) | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | Volkov, Vitaliy Nikolayevich | | | Imħallef fil-qorti reġjonali fi Shklov. F'Jannar 2012 iddeċieda li jittrasferixxi lill-kandidat Presidenzjali preċedenti u attivist tal-oppożizzjoni N. Statkevich lejn ħabs tat-tip magħluq f'Mogilov sempliċement abbażi ta' allegat vjolazzjonijiet tar-regoli ta' priġunerija fil-kolonja penali IK-17 fi Shklov biss. Għalhekk din id-deċiżjoni wasslet għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' N. Statkevich inkluż in-nuqqas ta' rqad u t-theddid għal saħħtu. | 9.7.2014 |